MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 651/2014

**Dr Ro'Anna Borg (I.D. numru 21417M) u Wayne Grima (I.D. numru 45949M) bhala kuraturi tal-minuri binthom Andrea Nicole li twieldet fil-25 ta' Gunju 2003**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr. Ro'Anna Borg et noe datat 24 ta' Lulju 2014 fejn esponiet: -

Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru tnejn tlieta erbgha wiehed tas-sena elfejn u tnejn (*recte 'tlieta'*) (2341/2003) anness u mmarkat bhala Dol. A, il-minuri Andrea Nicole hija ndikata bhala wild l-atturi Wayne Grima u Ro'Anna Borg.

Illi mit-twelid il-Minuri kienet maghrufa bhala Andrea Nicole Grima Borg.

Illi recentement pero' l-esponenti gew infurmati li l-kunjom tal-minuri ghandu jigi ndikat biss bhala Grima u mhux Grima Borg.

Illi fid-dokumenti kollha, inkluz dawk ufficjali bhall-passaport u certifikati tal-iskola, il-minuri dejjem kienet maghrufa bhala Andrea Nicole Grima Borg (*vide* dokumenti

annessi u mmarkati bhala Dok. B sa Dok. F).

Illi r-rikorrenti ghandu interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16, li ssir id-debita korrezzjoni.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1 Tiddikjara li l-kunjom li bih il-minuri Andrea Nicole hija konsistentement maghrufa huwa "Grima Borg" u mhux "Grima";

2. Tordna sabiex jigi korrett ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Andrea Nicole, fis-sens li fil-kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha u l-Kunjom", ghandu jigi ndikat b'mod car li l-kunjom tal-minuri Andrea Nicole ghandu jkun "Grima Borg" u mhux "Grima".

3. Tati kull provvediment iehor li din l-Onor Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta’ Settembu 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata l-1 ta’ Settembru 2014 (fol 52) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi bint ir-rikorrenti twieldet fis-sena 2003 u dak iz-zmien fuq l-att tat-twelid ma kienx jitnizzel il-kunjom tat-tarbija izda biss isimha u dan kif

jidher fid-dokument anness u immarkat Dok DRP 1. *Ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kap 16, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz odjern bint ir-rikorrenti hadet awtomatikament il-kunjom tal-missier, u wara matul hajjtiha ghamlet uzu minn kunjom xbubit ommha izda dan il-fatt qatt ma gie irregistrat fir-Registru Pubbliku u ghaldaqstant ghar-Registru Pubbliku hi ghadha meqjusa bil-kunjom Grima biss.

3. Illi t-tieni talba fir-rikors promotur ma tistax tintlaqa' peress li fl-att tat-twelid ma hemm l-ebda kolonna li fiha jitnizzel il-kunjom. Li jigri hu li jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba, ssir <u>annotazzjoni</u> fis-sens li bint ir-rikorrenti hija ***magħrufa konsistentement bhala Andrea Nicole Grima Borg***;

4. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Ruth Scott ghall-atturi prezenti, u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr Scott iddikjarat li m' ghandhiex provi ohra f' dan l-istadju. Dr Cordina irrileva li riferibbilment

ghat-tieni talba attrici billi c-certifikat tat-twelid m’ ghandux kolonna dwar il-kunjom tal-minuri, it-talba rikjesta ghandha, jekk tigi milqugha, tkun fis-sens li ssir annotazzjoni li l-minuri hija konsistentement maghrufa bil-kunjom Grima Borg u li ghandha tibqa’ hekk maghrufa. Dr. Cordina ddikjara li m’ ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Dicembru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti *nomine* qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi (fol.51).

Illi t-talba odjerna hija indirizzata lejn il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti, Andrea Nicole imwielda fil-25 ta' Gunju 2003 (Att Numru 2341/2003 **DOK A)** billi jissottomettu li hi minn dejjem u konsistentement hija maghrufa bil-kunjom 'Grima Borg'. Dan jirrizulta bhala fatt mid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur u jinsab korroborat mill-affidavits tar-rikorrenti, genituri tal-minuri.

Ikkonsidrat li *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz odjern il-minuri hadet awtomatikament il-kunjom tal-missier biss billi r-Registru Pubbliku ma kienx mgharraf bl-ghazla li kienet ser tiehu wkoll

il-kunjom tal-omm. Ghaldaqstant ghalkemm it-talba odjerna mhix talba ghall-korrezzjoni ta' zball, hija talba sabiex dak li hu rikonoxxut u permess mill-Ligi stess, jinghata rikonoxximent formali.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija soddisfatta li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jirnexxu salv li, kif gustament eccepixxa l-intimat Direttur, b'riferenza ghat-tieni talba attrici li c-certifikat tat-twelid m' ghandux kolonna dwar il-kunjom tal-minuri. Ghaldaqstant it-talba rikjesta ser tigi milqugha fis-sens li ssir annotazzjoni li l-minuri hija konsistentement maghrufa bil-kunjom 'Grima Borg' u li ghandha tibqa' hekk maghrufa.

Fic-cirkostanzi billi ma sar l-ebda zball da parti tal-intimat, il-Qorti jidhrilha li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli u inkonsistenti ma' dak hawn decizi, **tilqa'** t-talbiet tar-Rikorrenti b'dan li:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-kunjom li bih il-minuri Andrea Nicole hija konsistentement maghrufa huwa 'Grima Borg' u mhux 'Grima' u li ghandha tibqa' hekk maghrufa;

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-istess dikjarazzjoni permezz ta' nota fil-

margni tar-registrazzjoni relattiva fir-registru ta' l-atti tat-Twelid numru 2341/2003.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------